# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**Avv. Juliana Scerri Ferrante**

## Seduta tat-Tnejn, 9 ta' Diċembru 2019

## Talba Numru 57/2019SFJ

***C. Fino & Sons Limited (C2468)***
***vs.***
***Josephine Dimech***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf u sitt Ewro u seba' u ħamsin ċenteżmu (€1,006.57) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz li għadu dovut nonostante li l-oġġetti tal-għamara ngħataw lill-konvenuta għas-sodisfazzjon tagħha, bl-interessi u bl-ispejjeż legali.

Ra li l-konvenuta ġiet innotifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni kif jidher mir-riferti datati 31 ta' Lulju 2019 (fol. 13).

Ra li minkejja li kienet ġiet innotifikata, il-konvenuta la qatt dehret u lanqas ippreżentat xi sottomissjoni fl-atti ta' din il-kawża.

Sema' x-xhud Kevin Tabone fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2019, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għad-9 ta' Diċembru 2019.

**<u>Provi ippreżentati u konsiderazzjonijiet ta' dan it-Tribunal</u>**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance</u>***

***Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

It-Tribunal osserva li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2019 xehed Kevin Tabone, rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Huwa xehed li l-konvenuta kienet ordnat xi xogħol ta' għamara u ħallset depożitu. Ftit xhur wara, l-għamara ġiet ikkonsenjata lilha, ħarġet l-*invoice* min-naħa tas-soċjetà attriċi iżda l-bilanċ baqa' ma tħallasx. Ix-xhud ikkonferma li l-ammont dovut kien dak indikat fl-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal osserva li għalkemm dan kien l-uniku xhud, ma hemm xejn li jikkonvinċi lit-Tribunal li x-xhieda tiegħu ma hix kredibbli u lanqas hemm xi prova oħra li tikkontradixxi dak li xehed Kevin Tabone.

## **Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-atturi u b'hekk jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elf u sitt Ewro u seba' u ħamsin ċenteżmu (€1,006.57) bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal jordna li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**